II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tas-6 ta' Diċembru 2012**

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Brażil taħt l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 relattivament għat-tibdil fil-konċessjonijiet fir-rigward tal-laħam tat-tjur ipproċessat previsti fl-Iskeda tal-UE annessa mal-GATT tal-1994, u tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u t-Tajlandja taħt l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 relattivament għat-tibdil fil-konċessjonijiet fir-rigward tal-laħam tat-tjur ipproċessat previsti fl-Iskeda tal-UE annessa mal-GATT tal-1994**

(2012/792/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(6)(a)(v) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Fil-25 ta' Mejju 2009, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni sabiex tiftaħ negozjati taħt l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994 bil-għan li jiġu nnegozjati mill-ġdid il-konċessjonijiet dwar il-linji tariffarji għal-laħam tat-tjur taħt il-Kapitolu 16 tan-Nomenklatura Magħquda kif previst fl-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [1] ("NM").

(2) Dawk in-negozjati wasslu għal Ftehimiet fil-forma ta' skambji ta' ittri inizjalati mat-Tajlandja fit-22 ta' Novembru 2011 u mal-Brażil fis-7 ta' Diċembru 2011 (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehimiet").

(3) B'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/231/UE tat-23 ta' April 2012 [2], il-Ftehimiet ġew iffirmati f'isem l-Unjoni fis-26 ta' Ġunju 2012 mal-Brażil u fit-18 ta' Ġunju mat-Tajlandja.

(4) Il-Ftehimiet għandhom jiġu approvati,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Brażil taħt l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 relattivament għat-tibdil fil-konċessjonijiet fir-rigward tal-laħam tat-tjur ipproċessat previsti fl-Iskeda tal-UE annessa mal-GATT tal-1994, u l-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u t-Tajlandja taħt l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 relattivament għat-tibdil fil-konċessjonijiet fir-rigward tal-laħam tat-tjur ipproċessat previsti fl-Iskeda tal-UE annessa mal-GATT tal-1994 huma b'dan approvati f'isem l-Unjoni.

It-testi tal-Ftehimiet huma mehmużin ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifiki previsti fil-Ftehimiet.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Diċembru 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

S. CHARALAMBOUS

---

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.
[2] ĠU L 117, 1.5.2012, p. 1.